# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




fil-periklu!

dinja waħda

Qed tieħdu sehem f'

**Dinja Waħda??**



ballottra

BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

Numru 59 Novembru - Diċembru 2003



għarab



# x'għandna?


| | |
|---|---|
| editorjal | 2 |
| aħbarijiet | 3 |
| mid-djarju tal-berdwoċer | 3 |
| x'għandna mid-dinja? | 4 |
| Ħuttafa tas-Sena 2004 | 5 |
| kreaturi | 5 |
| meta morna l-iMtaħleb | 5 |
| gallerija | 6 |
| nofs ħanfusa! | 6 |
| kompetizzjoni 59 | 7 |
| il-każ tal-bagħdan ferut | 7 |
| FALKO | 8 |
| sittsaqajn | 8 |
| diżastri naturali | 9 |
| attività | 10 |
| ittri | 10 |
| inkredibbli | 10 |
| mur aqbad ktieb | 11 |
| daħħal membru | 11 |


# Ħej Ħbieb!

Daqt il-Milied, u nispera li tgawdu l-festi u l-vaganzi u r-rigali u l-parties. Imma ftakru li biex tkun ambjentalist ta' veru, trid tkun ambjentalist il-ĦIN KOLLU, anke fi żmien il-Milied! Jekk noqogħdu ftit attenti, jista' jkollna Milied iktar ambjentalist.

Per eżempju...

- Biex inżejnu l-presepju ma nqaċċtux sagħtar mill-kampanja
- Biex nagħmlu siġra tal-Milied ma mmorrux naqtgħu xi ċipressa
- Ma nżejnux bil-frieghi taż-żnuber
- Biex inżejnu bil-prinjol, niġbru li jaqa' mhux inqaċċtu mis-siġar
- Idea tajba kieku d-dwal tat-tiżjin nixegħluh biss meta jidlam u nitfuh qabel norqdu.
- Ma nibagħtux kartolini lil min narawh kuljum!
- M'hemmx bżonn ħafna ppakkjar żejjed meta nqartsu r-rigali.
- Noħorġu xi frak ta' l-ikel fuq il-bird table għal ħutna l-għasafar
- Ma nagħtux annimali ta' vera bħala rigali - l-annimali mhumiex ġugarelli

F'isem il-BirdLife nixtieq lilkom u lill-familja tagħkom Milied mill-isbaħ u sena ġdida tal-ġenn!



**Victor Falzon** Editur



Il-**ballottra** (weasel) hija l-unika mammiferu karnivoru ta' l-art li jgħix fin-natura Maltija. Hija żgħira ħafna, imma ma tibżax tattakka annimali ikbar minnha bħal firien u fniek, li huma l-ikel favorit tagħha.


**kumitat klabb ħuttaf**

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin il-huttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat sakemm mhux għal skopijiet kummerċjali, sakemm jissemma' l-isem **Il-Ħuttafa** u sakemm tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **ballottra** - ritratt ta' Charles Gauci
Faċċata ta' wara: **pawċijiet għall-bejgħ**
Stampat: Poulton's Print Shop, Diċembru 2003





**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-tmintax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.**




# Pala di Spanja

Fil-Ħuttafa 56 konna ġibna li l-Għadira niżlu 17-il **paletta** (spoonbill). Waħda minn dawk il-paletti kellha ċurkett tal-plastik ma' saqajha li stajna naqrawlu n-numru bit-tromba.

Minn dak in-numru issa sirna nafu li ċ-ċurkett tpoġġielha minn ringers fi Spanja fis-7 April 1994, meta din kienet fellus fil-bejta! Jiġifieri dakinhar li niżlet l-Għadira fit-8 April 2003, dil-paletta kellha kważi 9 snin eżatt!

Interessanti wkoll li din kienet l-ewwel darba li dik il-paletta dehret barra minn pajjiżha!

# Dinja Waħda 4

Hekk hu! Jekk inti tmur skola primarja, mela l-iskola tiegħek tista' tieħu sehem f'**Dinja Waħda 4**. Dinja Waħda fiha ħafna attivitajiet ambjentali. Għalhekk meta tieħdu sehem fiha mhux biss tgħinu lin-natura bl-affarijiet li tagħmlu, imma titgħallmu kif nistgħu ngħixu f'dinja isbaħ u aħjar. U fl-istess ħin ukoll tieħdu gost!

Mela jekk l-iskola għadkom ma rajtux l-istiker bl-arma ta' Dinja Waħda, ĠENNU LILL-GĦALLIEMA tagħkom biex tibdew tieħdu sehem! :-)

Dinja Waħda hija kampanja li l-BirdLife ħolqot apposta għall-iskejjel.

dinja waħda

# mid-djarju tal-berdwoċer

**Jason Aloisio**

## settembru




Ma' dħul Settembru nibdew nistennew it-tajr tal-priża. Fl-ewwel ħmistax il-**bagħdan aħmar** kien diġà komuni u kien hemm jiem meta t-totali qabżu l-mija. Il-**kuċċarda** kienet iktar skarsa imma fl-14 tax-xahar passiet bil-mijiet. Intlemħu wkoll xi **arpi** u isqra, l-iktar **spanjuletti**. Fl-ewwel ġimgħa kellna pases tajbin ħafna ta' **rsieset griżi**, **rsieset ħomor**, **agretti bojod** u **kwakk**. Mill-Qawra ntlemħu qtajjiet ġieli kbar ta' **fjamingi**. F'ħafna nħawi dehru qtajjiet sbieħ ta' **qerd in-naħal**. Għasafar żgħar bħal buful u kud kienu skarsi.

Fit-tieni nofs ta' Settembru rajna iktar tajr tal-priża, u d-19 tax-xahar kienet l-iktar ġurnata tajba. Fuq il-baħar dehru xi ftit borok, **vellerani**, iktar fjamingi u xi rsieset. Iż-**żanżarell sidru aħmar** rawh diversi berdwoċers. Għalkemm għasafar żgħar bħal bekkafiki u kud baqgħu skarsi, dehru xi għasafar rari biex bħal ipattu għal dan in-nuqqas, fosthom **russett abjad**, **gallozz żgħir**, **bagħdan abjad** u **rundun żgħir**.

## ottubru

Sal-bidu ta' Ottubru t-tajr tal-priża kien naqas sew, għalkemm daħlu rekords ta' xi **sparviera**, l-aktar mill-Buskett. Bil-mod il-mod bdew jiżdiedu l-**pitirrossi** u l-**isturnell** filwaqt li f'xi ġranet kellna qtajjiet kbar ta' **ħuttaf** u **ħawwief**. Il-**bulebbiet** ukoll spiss rawh jew semgħuh. Fuq il-baħar deher l-ewwel gawwi tax-xitwa, l-aktar il-**gawwija rasha kannella** u anke xi **gawwi geddumu rqiq**. F' Ottubru wiġħed jistenna li jara l-**imlievez** u l-**alwett**, imma dawn bħall-għasafar iż-żgħar, bilkemm dehru. L-Għadira kien hemm xi ftit **blonġuni żgħar** u **blonġuni sekondi** u għadd ta' **glalez tax-xitwa**.

Għal nofs ix-xahar beda jidher is-**sul** fuq il-baħar u żdiedu l-**marguni**, flimkien mal-gawwi. Komplew jidhru xi borok u għall-aħħar tax-xahar dehru 6 **ċikonji suwed** fuq Ta' Xbiex. Daħlu rekords interessanti ta' **kappun** fis-Simar, **ortolan iswed**, **brajmla tat-toppu** u **malvizz tas-sidra bajda** f'Kemmuna, u **seqer ta' denbu** fil-Buskett.



# Baħar li sparixxa!




Sa 50 sena ilu, il-**Baħar Aral** kien ir-raba' l-ikbar baħar magħluq tad-dinja. Illum diġa' nixef nofsu! X'ġara? Tgħid is-sħana?

Le, it-tort huwa kollu ta' gvern li ma jaħsibx. Il-gvern ta' dak iż-żmien kien ħolom biex jiżra' l-qoton u r-ross. Fid-deżert!!! U biex isaqqi ħa l-ilma KOLLU tax-xmajjar li jiżbukkaw fl-Aral. X'ġara? U mhux ovvja x'ġara?! Mingħajr l-ilma tax-xmajjar, il-baħar beda jinxef u floku issa hemm deżert mielaħ!

Fl-Aral darba kienu jistadu eluf ta' sajjieda. Imma l-ilma tant tbaxxa li rħula li qabel kienu f'xatt il-baħar illum qegħdin 100km 'l bogħod mill-baħar! Immaġinaw Marsaxlokk bil-bajja niexfa u l-baħar tant 'il bogħod li lanqas bi tromba ma taraħ! Hekk ġralhom dawk l-irħula. Mhux hekk biss - mindu nixef il-baħar, anke l-klima ta' hemmhekk nixfet, u mijiet ta' nies qed imutu kull sena bit-trabijiet u mard tal-pulmun.

It-traġedja tal-Baħar Aral hija diżastru ekoloġiku kbir. Il-ħasra hi li lanqas minn żball bħal dak ma tgħallmu! Biex isolvu l-problema l-ġdida ta' nuqqas ta' ilma, xi għorrief iridu issa jdawru l-korsa ta' xmajjar oħrajn fis-Siberja!







## Mard fil-familja!

Kollha tafuh lil TAZ! Imma kontu tafu li veru jeżisti annimal jismu **Tasmanian Devil**? Huwa annimal qisu kelb żgħir, u magħruf għall-kwantità ta' ikel li jiekol u kemm jiekol malajr! It-Tasmanian devils jgħixu kollha fuq gżira ħdejn l-Awstralja jisimha Tasmania. Sa ftit snin ilu kien hemm xi 200,000 minn dan l-annimal. Imma bħalissa hemm marda li qed toqtolhom, u jikkalkulaw li diġà mietu nofshom. Miskin Taz! Tgħid għad jispiċċa mid-dinja, u jibqa' biss il-kartun?




# Ferfieri kbar!



Il-pawer stejxins taż-żejt u l-faħam iħammġu l-arja. Għalhekk ħafna pajjiżi Ewropej qed jibnu **windfarms** biex jipproduċu enerġija nadifa mir-riħ. L-Irlanda se tibni windfarm li jagħti total ta' 300MW enerġija, jiġifieri kważi daqs kemm tuża Malta kollha! Xi ġmiel kieku d-dawl kollu li nużaw ikun ġej mir-riħ (jew mix-xemx, jew mill-mewġ)! Imma biex tibni windfarm trid il-kobor - sfortunatament Malta ma tantx hawn fejn tibni foresta ta' xi 200 raddiena! Jgħidu wkoll li dawn l-irdieden kultant jaħbat xi tajr magħhom.

# il-Ħuttafa tas-Sena




Mis-sena 2004 ser nerġgħu nibdew nagħmlu l-Ħuttafa tas-Sena. Din hija bħal kompetizzjoni bejn il-membri biex inħajrukom tkunu iktar attivi fil-klabb!

## Kif tkun attiv?

Turi kemm tkun attiv meta per eżempju:
tattendi l-attivitajiet tal-klabb
iddaħħal membri ġodda fil-klabb
iddaħħal membru lill-familja tiegħek!
tgħin f'xi affarijiet tal-BirdLife
tixtri kotba u materjal minn għandna
Kull waħda minn dawn l-affarijiet irebbħuk il-punti, li mbagħad fl-aħħar tas-sena ngħodduhom u min ikollu l-iktar isir il-Ħuttafa tas-Sena.

## Stikers u punti

Mis-sena d-dieħla se nibdew nagħtukom jew nibagħtulkom stikers żgħar b'timbru u bil-punti fuqhom. Kull stiker iġorr 5 punti. Dawn ħudu ħsiebhom u faddluhom, għax ikunu l-prova tal-punti tagħkom. Mal-Ħuttafa li jmiss ħa nibagħtulkom formola apposta biex twaħħlu magħha dawn l-istikers. B'hekk ma titilfuhomx.

## Lost and Found!

Fil-gżejjer Fiji għadu kemm reġa' nstab il-**Long-legged Warbler**, għasfur li l-istudjużi kienu ilhom 100 sena ma jarawh.



## Meta morna l-iMtaħleb



Ritratt tal-grupp li morna l-ħarġa tal-Klabb għall-iMtaħleb fit-2 Novembru 2003. Fost għasafar oħrajn rajna buċaqq tax-xitwa u anke spanjulett. Annimal interessanti li rajna wkoll kienet debba tax-xitan tixxabbat max-xitel tax-xagħri.

## kreaturi mill-ħrejjef Griegi



## il-minotawr

Il-minotawr kien raġel b'ras ta' barri, u kien iħobb jiekol in-nies!

Bħala kastig ta' xi ħażin li kien għamel ir-re Minos ta' Kreta, l-alla Posejdon għamel li r-reġina Pasife flok iben ikollha din il-kreatura orribbli. Minos tant iddiżgustah li tefgħu f'labirint, post mudlam magħmul minn ħafna passaġġi jinfdu f'xulxin.

Minos kellu patt mar-re Eġeus biex dan jibgħatlu kull sena 7 tfajliet u 7 ġuvintur biex jittieklu mill-minotawr! Darba Teżeus, iben Eġeus, mar bħala wieħed mill-ġuvintur biex jipprova joqtol lill-minotawr. Ftiehem ma' missieru li jekk joqtol il-minotawr, fi triqtu lura kellu jbiddel il-qlugħ tal-bastiment minn suwed għal ħomor, biex Eġeus ikun jaf minn kmieni li ibnu rnexxielu.

Meta waslu Kreta, il-priġunieri ttieħdu fil-labirint. Ariadne, bint Minos, saret tħobb lil Teżeus u għenitu billi tatu kobba suf! Teżeus waħħal it-tarf tal-kobba mad-daħla tal-labirint u daħal ifittex il-minotawr. Meta sabu rnexxielu joqtlu bix-xabla, imbagħad reġa' ħareġ billi segwa s-suf li kien ħall. Ħeles il-priġunieri u, flimkien ma' Ariadne, ħarbu lejn Ateni.

Imma Teżeus nesa jbiddel il-qlugħ! Meta Eġeus ra l-qlugħ iswed, ħaseb li ibnu kien miet, u ntefa' l-baħar u għereq!

Din hija biss ħrafa, imma dak l-istess baħar għadu jismu l-Baħar Eġew (Aegean Sea) sal-lum!

Sean Caruana Webster



**gawwija**
Justin Caruana 12



**fekruna**
Michelle Drago 14



**russett tas-siġar**
Gianella Farrugia 9



**tudun**
Glenn Ellul 12



**xini**
Lynsey Żammit 11



**pitirross**
Daphne Xuereb 12



**kokka żgħira**
Nevice Cascun 9



**rajja**
David Attard 11



**barbaġann**
Anna Farrugia 14



**ċinju**
Luca Bugelli 12

**nofs ħanfusa**



# Pinġulna!

**Nieħdu gost inġibu t-tpinġija tagħkom fil-magażin. Tpinġux bil-kulur, u jekk tistgħu użaw linka sewda. Tinsewx isimkom, età u l-isem tat-tpinġija. Tistgħu tibagħtu t-tpinġijiet ukoll bl-imejl (jpeg).**



Din hija ħanfusa tal-kantini. Imma nofsha biss hawn! Araw tkomplux ftit in-nofs li baqa'.

# KOMPETIZZJONI 59

Norman Chetcuti Papillon

## Friefet fis-Siġra!

```
          I F N
      Q Q F T D H X
    Y W X A B Q E F D
  R M J X K D W A M D J
 U I U E U I U Z L U E W S
E N B W C L R M F B X J P D J
K I K H A L F I D D I E N I A
A Z Y A V S I A O C I L B M P X J
O B N Q L I N U L A V E K K K X C V D
O M Q M L G U P A O H S W C C U P C W
J O Q L E S S J T N G Y Z E L K X O V
I R A K N M F A L Q A L T D Q B M D L
K A N N E L L A T A D D E L L B U
P S A B Q J H M A I B T C F M
G N K C S Y K I M F G T I X T
U F G M Y I G B O Q Y Z T
      A X C T P E N
        N T F K Q
        J K U F M
          J L K
          J Y O
          L K O
          V O U
          O M A
          K D Z
```





Sibu minn dit-taħbila ittri l-ismijiet ta' dawn l-10 friefet (il-kliem kapitali biss):

| | |
|---|---|
| Farfett ta' **DANAUS** | Farfett tal-**KROMB** |
| **IKHAL FIDDIENI** | Farfett tas-**SELQ** |
| **IKHAL TA' L-AFRIKA** | Farfett tas-**SILLA** |
| **KANNELLA KBIR** | Farfett tax-**XEMX** |
| **KANNELLA TAD-DELL** | Farfett tax-**XEWK** |

Il-kliem jista' jkun bil-quddiem, b'lura, 'il fuq, 'l isfel jew imxattar. Kif issibuhom kollha ibagħtulna kopja tat-tweġiba (tqattgħux il-magażin) sal-**10 Jannar 2004**. Tistgħu tibagħtuha wkoll bl-imejl. Ir-rebbieħ jingħata **sett kartolini tan-natura**.

Ir-rebbieħ ta' Kompetizzjoni 58 huwa STEPHEN BORG mis-Siġġiewi. Prosit Stephen, il-kartolini dalwaqt ikunu għandek.

# il-każ tal-
# Bagħdan Ferut

jirrapporta *Clayton Falzon* student

Ġimgħa ilu ħadt sorpriża kbira, meta l-għalliem tiegħi, s-sur Reuben Vella, ħadni miegħu fl-uffiċċju ta' BirdLife Malta f'Ta' Xbiex. Ħassejtni ħa ntir bil-ferħ meta tani din l-aħbar, għax jien inħobb ħafna n-natura, l-aktar l-għasafar. Magħna ġie wkoll Luke, tifel fil-klassi tiegħi, il-protagonista ta' din l-istorja.

Luke qalli li waqt li hu u missieru kienu qed jaħdmu fl-għalqa tagħhom, semgħu tiri ta' senter. Ftit wara waqa' bagħdan ftit 'il bogħod minnhom. Kien jidher ferut u ma setax itir. Xi ħadd kien spara fuqu. Luke u missieru stennew ftit biex jaraw imurx xi ħadd għalih, iżda ħadd ma deher. Forsi l-kaċċatur beża' jiġbor tajra protetta quddiem in-nies.

Mingħajr ma tilfu ħin aktar, Luke u missieru ġabru l-bagħdan u ħaduh id-dar. Għamlulu ftit isfar, sakemm jaħsbu x'jistgħu jagħmlu biex isalvawh.

'L għada filgħodu, Luke qalilna x'ġara u l-għalliem kien pront qallu li l-aħjar neħduh għand il-BirdLife.

Luke ma ħasibhiex darbtejn, u ċempilna lill-ġenituri tiegħu. L-għalliem offra li jmur id-dar ta' Luke biex nieħdu l-bagħdan għand il-BirdLife.

Meta wasalna, tal-BirdLife mill-ewwel bdew l-arranġamenti biex tiddewwa din it-tajra. Huma rringrazzjawna tal-ġest sabiħ tagħna, għax bis-saħħa tagħna lkoll nisperaw li salvajna lil dan l-għasfur mill-mewt.




Raymond Bonnici

Wara morna lejn l-iskola u għedna kollox lil sħabna. Kienet esperjenza li mhu se ninsa qatt. Minnha tgħallimt li għalkemm hawn nies li ma jħobbux in-natura u jagħmlu minn kollox biex jeqirduha, mill-banda l-oħra hawn oħrajn, bħali, li jħobbuha!



F'Malta jidhru 4 speċi ta' bagħdan. Dan t'hawn fuq huwa l-bagħdan griż (Montagu's harrier).

Clayton Falzon Yr 6
Skola Dr Francis Chetcuti
Ħaż-Żabbar

Prosit lil Clayton, lil Luke u lis-Ser Vella!



# Ħbieb Falkuni!

Ix-xitwa magħna. Il-kampanja mtliet ħdura, u l-għasafar li ħassew il-kesħa fl-Ewropa tfaċċaw fil-ġonna tagħna, fosthom pitirrossi, kudirrossi suwed, imlievez u vjolini.

Joanna, is-segretarja, qaltli li għandha ġar ġdid: buċaqq tax-xitwa li għamel it-territorju fil-ġnien tagħha, u qed ikeċċi għasafar oħrajn milli jidħlulu fit-territorju! Imma jidher li sab kompetitur li ma jistax jirbaħlu: ir-rifless tiegħu nnifsu fil-ħġieġ! Hekk hu! Il-buċaqq qed jara r-rifless fil-ħġieġ tat-twieqi, u qed jaħseb li hemm għasfur ieħor li daħallu fl-għalqa. Allura qiegħed il-ħin kollu jagħmel għalih! Milli qaltli Joanna, il-ħġieġ tad-dar diġà darhom kollha, imma lir-rifless għadu ma keċċiehx!

Interessanti imma hux! Malta tinxef fis sajf, meta l-bqija ta' l-Ewropa tintela ħdura. U fix-xitwa bil-kontra: Malta tintela ħdura u fjuri, meta ħafna siġar fl-Ewropa jinżgħu l-weraq u jidħlu għal raqda ta' sitt xhur, filwaqt li l-art tinkesa b'tapit abjad...ta' borra!

Fil-kamp li se nagħmlu Għawdex ħa ngawduha l-ħdura, għax ser nagħmlu skoss mixi. Ejjew ħa tagħxew. Saħħiet!




Justin

**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur FALKO

Attività Falko

## gozokamp!



Weekend Break fil-gżira oħt Malta! Il-kamp ħa jsir fl-aħħar tmiem il-ġimgħa tas-sena 2003! Aktar tagħrif lil min jintagħżel. Postijiet limitati ħafna! Ċemplu 21347646 biex tibbukkjaw, jew ibagħtu imejl lil **jv@birdlifemalta.org**
Età: **Falko 13+**

## SITTSAQAJN

Matthew Borg Cardona



# Baħrija tat-Tengħud

Il-baħrija tat-tengħud (spurge hawk moth *Hyles sammuti*) hija baħrija mill-familja Sphingidae. F'Malta għandna seba' speċi minn din il-familja. Il-baħrijiet ta' din il-familja jkunu kbar u l-ġwienaħ twal u dojoq.

Din il baħrija hija pjuttost komuni. Qabel kienet tissejjaħ *Hyles euphorbiae* però wara studju kkofermaw li l-ispeċi ta' Malta hija endemika għal pajjiżna u għalhekk issemmiet *Hyles sammuti*.

Din il-baħrija tbid il-bajd fuq pjanti tat-tengħud, speċjalment *Euphorbia pinea, Euphorbia dendroides* u *Euphorbia spinosa*, u x-xagħat jiekol biss dik it-tip ta' pjanta. Ix-xagħat għandu ħafna kuluri b'xi linji ħomor u sofor fuq daħru, ma jkollux suf u jkollu speċi ta' qarn fuq wara. Il-fosdqa ssir taħt il-ħamrija, u l-annimal jgħaddi x-xitwa bħala fosdqa.



Victor Falzon

Żewġ xagħat qed jieklu weraq tat-tengħud tas-siġra. Dawn it-tnejn jidhru li waslu biex jindifnu fil-ħamrija u jsiru fosdqa. Nisperaw, għax jekk jieklu iktar ħa jisplodu!!!

**Batterija waħda tal-mobajl fiha biżżejjed kadmjum biex tniġġes 600,000 litru ilma.**



għali ambjentali

# diżastri naturali

**S'issa tkellimna ħafna fuq il-ħsara li l-bniedem jagħmel lin-natura. Did-darba se naraw kif in-natura stess kapaċi tagħmel il-ħsara, għalhekk ħa nħarsu ftit lejn - it-TEMP! Naħseb ilkoll smajna kemm-il darba fuq l-aħbarijiet b'uragani, trombi tar-riħ, nixfiet u għargħar. Kif iseħħu dawn? U għandu x'jaqsam il-bniedem?**

*Elisabeth Conrad*

## nixfiet

Nixfiet (bl-Ingliż droughts) iseħħu meta jkun hemm perjodi twal bla xita. Dan jiġri b'mod regolari f'diversi partijiet tad-dinja, bħal fid-deżerti. Imma kultant jiġri li n-nixfa ddum iktar mis-soltu u tagħmel ħafna aktar ħsara. Infatti jaħsbu li n-nixfiet huma fost id-diżastri naturali li l-iktar ikollhom vittmi. Id-droughts ma jiġrux biss fid-deżerti imma jistgħu jseħħu anke f'postijiet fejn is-soltu x-xita tkun biżżejjed. Waqt nixfa qalila, il-livell ta' l-ilma fil-ħamrija jaf jaqa' baxx wisq biex isostni l-ħajja. Fiċ-Chad fis-1970ijiet il-prodott ta' ċereali naqas b'60% u ntlaqtu mad-900,000 ruħ min-nixfa.

## għargħar

Periklu ieħor naturali huwa l-għargħar. Minkejja l-perikli, il-bniedem minn dejjem għex viċin l-ilma, per eżempju ħdejn tax-xmajjar. L-għargħar iseħħ meta jkun hemm wisq ilma f'ċertu post. Dan jista' jseħħ minħabba xita fit-tul, jew ikun għamel ħafna silġ li mbagħad jinħall, ifuru x-xmajjar u jgħarrqu medda kbira. L-għargħar ukoll jaffettwa ħafna nies, u sfortunatament sar iseħħ spiss ħafna u f'postijiet li mhux soltu. Ftakru x'ġara f'ħafna pajjiżi ta' l-Ewropa s-sena l-oħra!

## uragani

L-uragani (hurricanes) u t-trombi tar-riħ (tornadoes) huma maltempati kbar, vjolenti, iseħħu f'daqqa, u mhux faċli tbassarhom. Dawn jolqtu l-aktar gżejjer u xtut. Il-ħsara li jagħmlu hi l-iktar minħabba l-irjiħat kbar li jqanqlu u x-xita qalila li jġibu (li spiss twassal għall-għargħar). Dawn iseħħu kull sena, u jagħmlu l-iktar ħsara meta jolqtu postijiet iktar fqar. L-Indja, per eżempju, spiss issofri diżastri, u kważi dejjem ikun hemm ħafna vittmi. L-uragani regolarment jolqtu wkoll ix-xtut tal-lvant ta' l-Amerka ta' Fuq. Għalkemm hemmhekk ukoll jagħmlu ħsarat ta' biljuni ta' dollari, imma mwiet ma jkunx hemm daqshekk. Dan għaliex il-metjoroloġi jsegwu l-uragan bis-satelliti, u jkunu jafu kważi bil-minuta x'ħin ħa jfaqqa' u fejn.

## ...u aħna!

Allura l-bniedem m'għandu x'jaqsam xejn? Iva, għalkemm dawn huma affarijiet naturali, il-bniedem għandu parti mit-tort. Niehdu l-għargħar li kellna f'Malta stess f'Ottubru li għadda. Għaliex daqshekk ħsarat f'postijiet bħal Ħal Qormi u l-iMsida? Ovvja, x'tistenna meta tibni f'wied? Barra minn hekk, meta tibni toroq fil-widien, ifisser li int ħa twessa' u twitti u tillixxa. Mhux ta' b'xejn li mbagħad l-ilma jinżel b'iktar ħeffa u b'iktar forza.

Ħafna xjenzati jaħsbu li dan it-taħwid fit-temp, speċjalment in-nixfiet u l-għargħar, qed isiru komuni minħabba l-global warming. Il-global warming qed inżiduh aħna l-bnedmin bid-dħaħen li narmu fl-arja.

Jidher li l-bniedem mhux daqshekk innoċenti wara kollox...

karta riċiklata



# Lord of the Forest



*Pittura ta' Rodney Matthews li jisimha Treebeard*

Erbgħa mill-atturi tal-film **Lord of the Rings** se jibdew proġett biex jiġbru flus biex titħares waħda mill-foresti fi New Zealand, il-pajjiż fejn inħadem il-film dwar l-istorja favoluża ta' Tolkien. L-atturi huma Elijah Wood (Frodo), Orlando Bloom (Legolas), Viggo Mortensen (Aragorn) u Dominic Monaghan (Merry). Aħbar tajba ħafna, għax bis-saħħa tal-popolarità ta' dawn l-atturi, iktar hemm ċans li l-proġett jirnexxi.

Biex inkunu għedna kollox, xi xaharejn ilu qrajna wkoll li Wood u Monaghan marru għall-kaċċa tal-grouse fi Scotland! Ħadd mhu perfett!

## ħarġa għal Wied Ħażrun

Ħa mmorru passiġġata fl-inħawi ta' Wied Ħażrun u Wied ir-Rum, żewġ widien żgħar fil-punent ta' Malta. Wied Ħażrun huwa post importanti għax hemmhekk għad hemm jikbru xi siġar antiki tal-ballut, forsi huma fdal mill-foresti li darba kellna f'pajjiżna. Barra minn hekk, xi għasafar tax-xitwa (bħal zizka u buċaqq) ma jonqsux żgur, u issa li m'għadhiex dik is-sħana huwa żmien tajjeb biex timxi fil-kampanja. Mela ejjew u ħudu pjaċir.



data **Il-Ħadd 21 Diċembru 2003**
niltaqgħu **Ħad-Dingli** (ħdejn l-għassa)
ħin **8.30am**
lura **xi nofsinhar**
età **Ħuttaf kollha**

**Dis-sena l-party tal-Milied mhux se jsir.**

**Sibtijiet u Ħdud ir-riserva ta' l-Għadira qed tkun miftuħa għall-publiku. Dħul b'xejn. Ħin ta' ftuħ 9.30am-3.30pm**

FORESTA · 2000 ·

Dan hu l-logo ta' Foresta 2000

Żur il-websajt tagħna
**www.birdlifemalta.org**

## ittri



### Nobgħod iċ-ċirklu!

**Għażiż Editur,**

**Jiena jdejjaqni ħafna s-"circus" għax l-annimal mhux qiegħed hemm biex jagħmel ħafna shows, u l-aktar li jdejjaqni hi li hawn min jekk ma jobdix lil sidu jtuh bil-frosta, jew inkella jħalluhom ġol-gaġeġ għal xi tliet ijiem sakemm jispiċċa s-show. Meta kont żgħira ġieli mort ċirkli imma issa li kbirt u naf minn xhiex jgħaddi l-annimal żgur li m'inix ser immur ċirklu ieħor.**

**Bernice Schembri**
**San Ġwann**

Għażiża Bernice,

Jien bħalek ġrali. Kif tgħallimt bit-tortura li jgħaddu minnha l-annimali, iċ-ċirklu umbrajtu! U jkolli nammetti li veru kont niġġennen għalihom!

Qis li dak li taf issa tgħaddih lil tfal li għadhom ma jafux. Forsi meta kulħadd jitgħallem il-verità, iċ-ċirkli bl-annimali jispiċċaw mid-dinja.

L-Editur

## inkredibbli

jason aloisio

Ir-**russett aħdar** (green heron) huwa meqjus l-aqwa sajjied, għax biex jistad dan l-għasfur tgħallem juża l-lixka (bħal insetti u anke r-rix) l-istess kif jagħmlu s-sajjieda bnedmin tal-qasba.

isem **Conservation**
kitba ta' Robert Ingpen
u Margaret Dunkle
Dragon's World




# konservazzjoni

Ktieb ideali għal dawk il-ġenituri li jixtiequ jispjegaw lil uliedhom x'inhi konservazzjoni. Bl-istampi sbieħ u l-ħsibijiet li fih, it-tfal jitgħallmu jieqfu jaħsbu ftit kif jistgħu jieħdu ħsieb id-dinja tagħna u kull ma jgħix fiha. Il-ktieb iġegħelna nagħtu ħarsa lura fiż-żmien, naraw x'qed jiġri madwarna issa u fuq kollox naħsbu fuq x'jista' jiġri fil-futur. Nitgħallmu mill-iżbalji li għamlu ta' qabilna biex b'hekk nibdew nagħmlu għażliet tajbin. Dan għaliex nindunaw x'inhu tassew importanti għad-dinja tagħna u liema huma dawk l-affarijiet li għandna nibżgħu għalihom l-aktar. B'għażla ħażina nistgħu nitilfu xi ħaġa għal dejjem kif ġara lil ħlejjaq li llum saru estinti. Bil-konservazzjoni aħna nieħdu ħsieb dak li għandna biex dawk li jiġu warajna jirtu l-aħjar dinja possibli.

*Janet Gerardi*

*Dal-ktieb tista' ssibu fil-Librerija Publika tal-Furjana*




## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**

Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf, agħtihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha, imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess, u ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.



**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________ postcode ____________________

Data tat-twelid ____________________ Telefon ____________________

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________ postcode ____________________

Membership number ____________________ Telefon ____________________

Ibgħat kollox lil BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 29 bolla tas-7ċ

**Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!**

# Trid pawċ tal-BirdLife? Qiegħed ideali biex iġġorr fih flus. Anke l-mowbajl joqgħod!




Kull pawċ jiswa **40ċ**, u qiegħed għall-bejgħ mill-uffiċċju tal-BirdLife jew mir-riservi ta' l-Għadira u s-Simar. Biex tirċievi wieħed bil-posta, ibgħat tmien bolli tas-7ċ lil **BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD12** flimkien ma' ismek u l-indirizz. Għal iktar minn wieħed, ċempel 21347646 (Mon-Fri, 9am-1pm)